MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2010

Numru. 729/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**
**-vs-**
**Anthony Abela**

**Seduta ta' llum 9 ta' Novembru 2010**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ANTHONY ABELA** ta' 46 sena imwieled Hamrun, nhar it-13 ta' Mejju, 1960 bin John u Annie nee' Pace, residenti "Thanks Dad", Triq A.M. Caruana, Iklin, detentur tal-karta ta' l-identita' 365460(M).

Billi inti akkuzat illi nhar is-27 ta' Lulju 2006 f'dawn il-gzejjer gewwa Triq Carmelo Pace, Iklin u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin;

1. Minghajr il-hsieb li toqtol jew tpoggi f'periklu car izda biss bil-hsieb li taghmel offiza gravi fuq il-persuna ta' haddiehor, ikkagunajt offiza gravi fuq il-persuni ta' Giuseppe Attard ta' 74 sena detentur ta' numru tal-karta ta' l-identita' 60432(M), kif ukoll fuq Maria Attard ta' 70 sena detentur tal-karta ta' l-identita numru 572636(MJ), u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 215, 216 u 218 tal-Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kif ukoll talli kkawzajt feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta'  Lawrence Attard numru tal-Passaport 40003708 u dan ai termini tal-artikolu 221 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat dan ai termini tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi qal kliem oxxen u espressjonijiet ta' dagha u dan ai terminu tal-artikoli 338(bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba wkoll sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni ta' Giuseppe Attard, Maria Attard, Lawrence Attard, Joseph Lawrence Attard u torbot l-imputat Antoine Abela b'dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa u dan ai termini tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom Statement ta' Lawrence Attard bil-lingwa |Ingliza (a fol 5), Certifikat tat-Twelid mahrug mir-Registru Pubbliku (a fol. 7), Certifikat mediku mahrug mill-Klinika tal-Gvern tal-Mosta (a fol. 18), Patients Certification Form mahruga mill-Isptar San Luqa (a fol. 19), Fedina Penali (a fol. 21), Stqarrija tal-imputat moghtija nhar il-Hamis 27 ta' Lulju, 2006 fl-ghassa ta' Birkirkara (a fol. 23).

Ikkunsidrat:-

Illi nhar id-disgha ta' Awwissu 2006 xehed **L-Ispettur Kevin Farrugia** (fol 16) fejn qal li nhar is-27 ta' Lulju 2006 ghall-habta tat-8pm, il-pulizija tad-Distrett ta' B'Kara kienu gew infurmati li kien hemm argument gewwa l-Iklin gewwa Triq AM Caruana. Il-pulizija tad-distrett flimkien ma' xi pulizija tal-mobile marru biex jassistu. Huwa qal li meta l-pulizija marret fuq il-post irrizulta li kien hemm certu Anthony Abela, l-imputat, li hu gharaf prezenti fl-Awla, flimkien ma' persuni ohra, certu Giuseppe Attard flimkien ma' Lawrence Attard u Maria Attard. Kompla jghid li waqt dan l-incident irrizulta li kien hemm xi battibekki dwar parking minhabba trakk kbir li kellu l-imputat, fejn fl-istess incident inqalghet glieda bejn l-imputat u l-persuna l-ohra li kienet qeghda bi btala hawn Malta u cioe' Lawrence Attard. Qal li dakinhar ukoll Lawrence Attard kien allega li l-imputat kien hebb ghalih. Ix-xhud zied jghid li Attard qal li hu wkoll kien ta. L-Ispettur Farrugia qal li l-pulizija kien ukoll gie rraputat lilha li l-imputat kien ta u kisser sinna ta' Giuseppe Attard u ta' Maria Attard u li dawn il-persuni gew ezaminati minn tabib. Hu esebixxa certifikat mediku ta' Mary Attard mahrug minn Dr. Grixti tac-centru tas-sahha tal-Mosta, liema certifikat gie mmarkat bhala Dok. KF, u ta' Joseph Attard, kif mahrug minn Dr. Malcolm Borg. Esebixxa wkoll kopja tal-fedina penali ta' l-imputat, estratt mill-att tat-twelid ta' l-imputat, u stqarrija rilaxxjata mill-imputat, fejn l-istess imputat kien ghazel li jiffirma wara li nghata s-solitu twissija. Ix-xhud ikkonferma li fl-istess stqarrija gharaf il-firma tieghu u ta' l-imputat u ta' PC468 li kien xhud ta' l-istqarrija. Ix-xhud esebixxa wkoll il-patient certification form rilaxxjat minn Dr. Malcolm Borg mmarkata bhala KF1, l-att tat-twelid KF2, il-fedina penali KF3 u l-istqarrija KF4. Meta kien mistoqsi jispjega x'verzjoni ta l-imputat dwar dan l-incident, ix-xhud qal li dak li qal l-imputat huwa rifless fl-istatement rilaxxjat minnu wara li kien tah is-solita twissija.

Illi nhar id-disgha ta' Awissu 2006 xehed **PS 428 Carmelo Debattista** (a fol. 26) fejn qal li huwa jiftakar li nhar is-27 ta' Lulju 2006 waqt li kien stazzjonat l-ghassa tal-pulizija tan-Naxxar, ghall-habta tas-7.30pm kienu rcevew telefonata li gewwa Triq Pace l-Iklin kien qed isir argument u ghalhekk huwa kien acceda fuq il-post lilu ndikat. Zied

jghid li kien sab lill-imputat li kien qieghed barra u anzjan gewwa dar. Qal li huwa kien tkellem mal-impuatat Abela, li gharaf waqt li kien prezenti fl-Awla, u li dan kien qallu li kien ipparkja t-trakk tieghu sabiex jaghti xi karti lil huh, u kif ra hekk certu Giuseppe Attard hareg minn daru u beda jinsisti mal-imputat sabiex inehhi t-trakk minn quddiem id-dar tieghu.  Fil-pront kien hareg ibnu, certu Lawrence Attard li kellmu hazin biex inehhi t-trakk minn hemm, u li sussegwentement kienu gew fl-idejn.  Xehed ukoll li l-imputat kien qallu li fil-frattemp Giuseppe Attard kien dahal go daru u hareg b'sikkina.  Din giet mehuda mit-tifel tieghu stess u giet mghoddija lil Maria Attard.  Irrileva li din is-sikkina kienet giet elevata minnu stess u li kien ser jesebiha fil-proceduri li qed jinstemghu fil-konfront ta' l-istess Giuseppe Attard.  Is-sikkina kienet giet mghoddija lilu mill-pulizija tal-mobile b'mod partikolari PC1012 u PC1138.

Esebixxa kopja ta' l-okkorrenza relattiva redatta minnu, liema okkorrenza tinsab immarkata mill-Qorti bhala Dok PS.  Kompla jghid li l-imputat odjern huwa Anthony Abela.

Illi nhar id-disgha ta' Awissu 2006 xehed **Lawrence Attard** (fol. 29) bil-lingwa Ingliza fejn qal li dakinhar tal-incident, jigifieri s-27 ta' Lulju 2006, huwa kien mar jixtri minn H'Attard flimkien ma' ibnu u meta mar lura d-dar fi Triq Carmelo Pace gewwa l-Iklin, sab trakk ipparkjat fid-driveway u ghaldaqstant huwa kellu jipparkja quddiem dan it-trakk.  Hekk kif beda jhott ix-xirja li kellu, dar u ra lil missieru niezel it-tarag tad-dar u x'hin staqsieh x'kien ha jaghmel dan qallu li kien se jiehu n-numru ta' registrazzjoni tat-trakk li kien hemm fid-driveway.

Ix-xhud qal li filwaqt li hu kompla tiela' t-tarag, missieru mar quddiem it-trakk.  Kompla jghid li kien hemm ragel b'xaghru sewda li wkoll ra lil missier ix-xhud sejjer quddiem it-trakk u li dan beda jkellem lil missieru bil-Malti.  Imbaghad gew zewg irgiel ohra jigru fuq missieru.  Dan ovvjament dar biex jitla' t-tarag imma xi hadd minnhom tah daqqa. Zied jghid li hu kien mar fuqhom biex jipprova jifridhom, imma l-imputat, li x-xhud gharaf prezenti fl-Awla, hatfu minn hwejgu.  Dak il-hin iben ix-xhud mar jigri fuqu u

beda jghajjat "daddy, daddy" u wiehed mill-irgiel, li ma kienx prezenti fl-Awla, tah daqqa ta' harta. Ix-xhud qal li hu kull ma ried jaghmel kien li jifred lill-missieru minn mal-agressur tieghu.

Ix-xhud ikkonferma li l-imputat ta daqqa ta' ponn go spalltu lill-ibnu, li mar jghinu jifridhom, kif ukoll li ta daqqa lil ommu li kienet ghadha kif nizlet it-tarag. Meta gie mistoqsi mill-Qorti min mill-imputati sawwat lil ommu, ix-xhud wiegeb li ma jafx, pero' zied li ommu waqghet fl-art u hawn missieru mar gol-gnien u gab sikkina. Huwa x'hin ra lil missieru bis-sikkina f'idu, kien pront hadhielu minn idu u taha lill-ommu li haditha mill-ewwel lura gol-gnien. Ix-xhud ippreciza li missieru u ommu ghadhom erbgha u sebghin (74) u sebghin (70) sena rispettivament.

Il-Qorti staqsiet lix-xhud jekk hu jafx jekk l-imputat kienx ix-xufier tat-trakk, izda dan ma kienx jaf. Il-Qorti xtaqet ukoll tkun taf ezattament x'ghamel l-imputat, u x-xhud qal li lilu hatfmu mill-gerzuma, tah daqqa ta' ponn go wiccu u kissirlu mniehru, u dan kollu ghax ried jiddefendi lill-familja tieghu. Kompla jghid li sussegwentement huwa kien mar il-Poliklinika tal-Mosta flimkien ma' ibnu Jeff Attard minhabba d-daqqa li dan kien qala'. Hawnhekk Attard esebixxa Patient Certification Form tieghu li giet immarkata bhala Dok S, certifikat ta' ibnu immarkat bhala Dok S1, certifikat mediku mahrug lilu minn Dr. Abela immarkat bhala Dok S2 u ittra mahruga mill-Isptar San Luqa rigward ibnu Jeff Attard immarkata bhala Dok S3. Qal li dawn ic-certifikati huwa kien ghaddihom lill-pulizija malli kienu nhargulu mill-isptar. Xehed ukoll li hu kien jigi darba jew darbtejn fis-sena biex jara lill-genituri tieghu u li hu u ibnu kienu se jitilqu minn Malta fis-17 ta' Awissu.

L-Avukat Difensur talab lix-xhud jghid precizament fejn kien ipparkjat it-trakk dakinhar tal-incident u dan qal li t-trakk kien qed jimblokka d-dahla tad-driveway u mhux fid-driveway innifisha, imma kien ipparkjat fil-liwja li hemm fit-triq. Qal ukoll li sakemm kien gej bil-karozza lejn id-dar, lill-imputat ma rahx, imma kien ra persuna bilqeghda xi ghoxrin (20) jarda 'l hemm mit-trakk. Din il-persuna ma kinitx l-imputat.

Ix-xhud insista li hu fl-ebda hin ma mess lil Abela, anzi hu beda jaqla' daqqiet fuq quddiem u fuq wara ta' rasu, u li anke ibnu beda jaqla' d-daqqiet. Ix-xhud gie mistoqsi jekk kienx cert li kien l-imputat Abela li tah id-daqqiet, u dan wiegeb li jaf min ta lil min ghaliex hu kien qed jipprova jifred liz-zewg partijiet, kemm lir-ragel ta' xaghru sewda, li ma kienx fl-Awla, kif ukoll lill-imputat, milli jkomplu jhebbu ghal missieru. Qal li hu ma damx f'nofshom ghal izjed minn zewg (2) sekondi, ghaliex f'daqqa wahdu l-imputat hatfu minn ghonqu u pprova jifgah filwaqt li r-ragel ta' xaghru sewda beda jtih min-naha ta' wara. Irrileva li dak il-hin ommu ma kinitx hemm. Qal ukoll li kien l-istess ragel b'xaghru sewda li ta d-daqqa lil ommu go wiccha u waqqaghha mal-art.

Ikkonferma li tul l-incident kollu dejjem kienu involuti ir-ragel ta' xaghru sewda, li ma jafx x'jismu, ragel xaghru nnukklata u l-imputat prezenti fl-Awla. Hawnhekk l-avukat difensur ried ikun jaf minghand ix-xhud meta dahal ir-ragel b'xaghru nokkli fl-incident. Dan wiegeb li fil-fatt dan ir-ragel kien l-ewwel wiehed li qabad jaghti lil missieru, filwaqt li meta hu inhataf minn ghonqu bdew isawwtuh it-tlieta li huma.

Dak il-hin ix-xhud intalab jidentifika lil min kissirlu mniehru, u dan gharaf lill-imputat. Zied jghid li dan kien qabdu minn ghonqu b'id wahda u bl-id l-ohra tah daqqa go mniehru. Iz-zewg irgiel l-ohra bdew isawwtuh ukoll.

Ix-xhud kompla jghid li ommu kienet diga' qalghet id-daqqa go wiccha u twaqqghet mal-art meta missieru gab is-sikkina. Ikkonferma li missieru kien juza din is-sikkina meta jahdem gol-gnien u li hu kien hadhielu mill-ewwel u newwilha lil ommu.

Illi nhar id-disgha ta' Awissu 2006 xehed **Giuseppe Attard** (fol 37) fejn l-ewwel nett qal li hu l-imputat kien imqabbad mieghu u kien imur jghidlu hafna diskors mhux xieraq. Dwar dakinhar tal-incident qal li kien hemm persuna li pparkjat quddiem id-drive in tad-dar tieghu. Qal

ukoll li l-pulizija kienu qalulu li jekk xi hadd jipparkja quddiem id-drive in tieghu kellu jiehu n-numru ta’ dik il-karozza u ghaldaqstant huwa hareg mid-dar u nizel biex jiehu n-numru ta’ dan it-trakk. Dak il-hin kienu marru tlieta min-nies jigru ghal fuqu, bdew ikellmuh hazin u qabbdu jaghtuh left right and centre. Fl-istess hin qabbdu wkoll isawwtu lill-mara tieghu u sahansitra tajjrulha sinna. Qal li huwa dak iz-zmien kellu 74 sena u zied jghid li l-imputat, li gharaf presenti fl-awla, dakinhar tal-incident tah diversi daqqiet, qal ukoll li “xeba’ jtih daqqiet”. Ix-xhud esebixxa certifikati rilaxxjati minn tobba dwar id-daqqiet li qala’. Huwa irrileva li huwa fl-ebda hin ma ta xi daqqiet. Zied jghid li f’dan l-incident ukoll tajjrulu s-snien ta’ quddiem, pero’ ma kienx jaf jghid min kien li effettivament tah dik id-daqqa li tajjritlu s-snien. Esebixxa certifikat mediku li gie mmarkat bhala Dok T. Sussegwentement qal li kien inzamm l-isptar f’Ward MS2 u esebixxa case summary mahruga minn Dr. Sciriha li tinsab immarkata bhala Dok T1.

Kompla jghid li waqt l-incident huwa kien ipponta jidhol gewwa pero’ Ix-xhud ikkonferma li l-imputat ta daqqa ta’ ponn go spalltu lill-ibnu, li mar jghinu jifridhom, kif ukoll li ta daqqa lil ommu li kienet ghadha kif nizlet it-tarag. Meta gie mistoqsi mill-Qorti min mill-imputati sawwat lil ommu, ix-xhud wiegeb li ma jafx, pero’ zied li ommu waqghet fl-art u hawn missieru mar gol-gnien u gab sikkina.Mistoqsi min kien mar ikellmu l-ewwel, ix-xhud qal li kien Charlie, pero’ qal ukoll li kienu t-tlieta li huma flimkien li marru jigru fuqu. Zied jghid li dak il-hin huwa ma kienx ra li ibnu kien wasal mix-shopping meta t-tlieta li huma marru ghal fuqu, pero’ li kien it-tifel tieghu li qallu li kien hemmhekk. Is-Sur Attard qal ukoll li huwa ma ried ikollu xejn x’jaqsam maghhom, peress li kemm-il darba kienu insulentawh, u li kull ma ried jaghmel kien li jiehu n-numru, izda huma minnufih marru jigru fuqu u bdew ikellmuh hazin. Zied li l-imputat tah diversi daqqiet f’rasu, gol-istonku tieghu, u kullimkien tant li storda bid-daqqiet li qala’. Qal li Charlie wkoll tah daqqiet, filwaqt li ma kienx cert fil-konfront tat-tielet persuna, jekk dakinhar kienx tah ukoll. Meta gie mistoqsi x’ghamel ibnu meta wasal fuq il-post, qal li ma jafx ghaliex kien stordut u lanqas ma jaf kemm damu jtuh

ezatt. Mistoqsi jekk f'xi hin kienx mar igib sikkina, ix-xhud irrisponda li iva, kien mar igibha meta rahom isawwtulu l-mara. Meta raha bid-demm niezel minn halqha, qam u mar igib sikkina ghaliex ma kienx jaf kif seta' jiddefendi lilu nnifsu, pero' dak il-hin ibnu talbu s-sikkina u huwa tahielu. Ibnu taha lil ommu u din dahhlitha gewwa. Imbaghad il-pulizija dahlu u haduha minn gewwa.

Illi nhar id-disgha ta' Awissu 2006 xehdet **Maria Attard** (fol. 42) fejn qalet li dakinhar tal-incident hija rat tlieta min-nies isawtu lir-ragel taghha u harget mid-dar. Kif appena harget Chalie Abela mar u taha daqqa go wiccha u kissrilha sinna. Kompliet tghid li Abela waqqaghha mal-art u b'hekk dahrha spicca blu, u li anke qabbzitilha l-ghadma ta' rkubtejha. Qalet li hi ghaddiet ic-certifikat taghha lis-Surgent. Mistoqsija jekk l-imputat kienx prezenti waqt l-incident, ix-xhud wiegbet li iva u ziedet li l-imputat kien qalilha "Mur lil hemm qabel noqtlok", pero' qalet ukoll li lilha ma sawwathiex. Ix-xhud qalet li rat lill-imputat isawwat lit-tifel taghha Lawrence, kif ukoll lil zewgha Guzeppi, u li bdiet tarah jaghti bil-ponn lil zewgha f'ghajnejh u bdiet tghidlu "ieqaf, jahasra dak marid", imma meta bdiet tghajjat hallewh mal-art u ma waqfux.

Illi nhar is-sittax ta' Awissu 2006 xehed **Dr. Eric Farrugia** (fol. 47) fejn qal li bid-digriet tad-9 ta' Awissu 2006 din il-Qorti kif preseduta kienet innominatu sabiex jezamina lil Lawrence Attard u li in segwitu ta' dan id-digriet, huwa kien ezamina lill-istess Lawrence Attard fl-14 ta' Awissu 2006. Kompla jixhed li dan kien allega li kien qala' daqqa ta' ponn fuq in-naha tal-lemin ta' mniehru. Dr. Farrugia kompla jixhed li Lawrence Attard kien attenda l-emergenza l-ghada tal-incident, fejn kien ilmenta minn ugiegh fi mniehru u kif ukoll minn ugiegh madwar l-ghajn il-leminija. Hawnhekk fil-casualty huwa kien gie infurmat li kellu imniehru miksur. Ix-xhur irrileva li jista' jghid dan minn fuq il-history sheet tal-isptar San Luqa.
Kompla jghid li sussegwentement huwa kien ezamina lill-pazjent li kien qed jilmenta li kellu deformity fl-imnieher u nuqqas ta' nifs min naha tax-xellug ta' l-imnieher u kien qed jinstema b'nasal speech, pero' mieghu ma keinx qed

jilmenta minn nuqqas ta’ xamm. Zied jghid illi jiena sibt li l-ghadam ta’ l-imnieher kienu imcaqalqin lejn in-naha tal-lemin, li beda jiehu nifs ahjar min naha tal-lemin milli min naha tax-xellug u l-qarquca kienet imcaqalqa in-naha tal-lemin il-parti ta’ quddiem u n-naha tax-xellug il-parti ta’ wara. Kompla jghid li hu ezamina wkoll l-xrays li kienu ttiehdu l-emergenza u qal li fil-fatt fil-fehma tieghu fratturi f’dawn l-xrays ma rax. Kien ikkonsult wkoll ma’ Dr. Alex Gatt fuq dawn l-xrays li qabel mieghu li fratturi ma kienx hemm.
Dr. Farrugia xehed ukoll li hu ra r-ritratt tal-passaport ta’ Lawrence Attard minn fejn innota li kien hemm daqxejn ta’ deviation fl-imnieher lejn il-lemin, u Attard qallu li din id-deformity kien ilu biha minn mindu kien qala’ d-daqqa ta’ ponn. Ix-xhud ikkonferma li l-xrays ma juru l-ebda ksur.
Dr. Farrugia rega’ qal li Attard qallu li qala’ daqqa ta’ ponn min naha tal-lemin ta’ l-imnieher, u qal ukoll li kieku kien hemm ksur b’din id-daqqa, l-ghadam kien jigi imcaqlaq lejn in-naha tax-xellug, bil-maqlub ta’ dak li effettivament hemm. Zied jghid li l-qarquca, ic-centre cartridge ta’ mnieher Attard ghandha naqra tghawwig lejn in-naha tax-xellug u hemm naqra ta’ tghawwiga lejn in-naha tal-lemin ta’ quddiem. Ikkonferma li dawn huma kompatibbli ma qarquca mghawwga qabel l-incident. Esebixxa r-rapport tieghu immarkat mill-Qorti bhala Dok EF. Tenna illi fil-fehma tieghu x’aktarx kollox kien hekk minn qabel l-incident u li din il-kondizzjoni tista titranga permezz ta’ operazzjoni. Mistoqsi jekk kienx hemm xi differenza bejn ir-ritratt li ra u mnieher il-pazjent meta ezaminah hu, wiegeb li r-ritratt kien wiehed zghir u l-pazjent kien qed jghid li imniehru kien dritt pero fir-ritratt ma jirrizultax li l-imnieher effettivament kien dritt. Qal li fil-medicina jinghad li, where the septum goes the nasal bone goes, li tfisser illi jekk il-cartridge ta’ l-imnieher sejra direzzjoni tal-lemin, l-ghadam ikun miexi fid-direzzjoni tal-lemin ukoll, u li f’kull kaz, kollox huwa hekk. Mistoqsi kif jista jkun li l-imnieher ikun mghawweg, huwa irrisponda li dan jista jkun jew rizultat mit-training jew inkella li persuna jkollha xi trauma qabel, imma qal li Attard spjegalu li ma kellu l-ebda trauma ohra qabel. Ippreciza li dak li kien qed jilmenta minnu Attard ma kinitx xi haga ricenti izda xi haga li kienet hemm antecedenti ghall-incident, u wkoll illi bid-

daqqa li seta qala l-pazjent, il-qarquca ma kinitx tidher maqsuma. Qal li l-opinjoni tieghu kienet taqbel ma' dik tat-tabiba li kienet ezaminat lill-pazjent a tempo vergine ta' dan l-incident, u cioe Dr. Abdilla li kienet tahdem propju fl-ENT Department, meta hija ma rat l-ebda tbengil fis-septum. Ghalaq billi qal li kien biss it-tabib tal-poliklinika Dr. Gunther Abela li rriskontra dan.

Illi nhar is-sittax ta' Awissu 2006 xehdet **Dr. Alison Abdilla,** (a fol. 51) fejn qalet li nhar is-sebgha u ghoxrin ta' Lulju 2006 waqt li kienet stazzjonata fid-Dipartiment ta' l-Emergenza fl-ENT, kien gie riferit lilhom mill-Health Centre certu Lawrence Attard, li qalilha li qabel kellu mniehru kien dritt, imma li issa dan kien mghawweg. Ghalhekk hija ordnat li jittehdulu xi xrays u qalet li meta rathom kellha xi ftit tad-dubbju u hasbet li probabbilment kien hemm fracture. Mistoqsija jekk kinitx uriet dawn l-xrays lis-superjuri taghha hija wiegbet fin-negattiv, pero' ziedet tghid li l-ghada riditu jmur ghal follow up. Pero' meta dan mar ghal follow up, ma kinitx ratu hu. Ziedet tghid li fil-fatt kien ghalhekk li riditu jmur l-ghada ghal follow up peress li kellha biss suspett li seta kellu fracture.

Illi nhar is-sittax ta' Awissu 2006 xehed **Dr. Gunther Abela** ( a fol 53) fejn qal li hu kien ezamina lil Jeff Attard fil-Mosta Health Centre, fit-28 ta' Lulju 2006 fl-4.00p.m., u sab li dan kien qed isofri minn tbengila fil-mid-scapular region ta' madwar 1cm tul orizzontali, tbengila fit-tarf ta' l-iscapular tax-xellug ta' madwar 3cm diametru u tbengila ohra fil-mid lateral margin scapular tax-xellug ta' madwar 3cm tul vertikali. Ippreciza li bi scapular huwa jfisser spalla. Qal li huwa kien iccertifika dawn il-griehi bhala "mhux gravi salv kumplikazzjonijiet" filwaqt li irrefera lill-pazjent ghal iktar evalwazzjoni tal-griehi fil-wicc. Zied jghid li dik kienet l-ewwel darba li hu ra lill-pazjent u li ra li l-pazjent kellu mniehru deviated. Tenna li lill-pazjent qatt ma kien rah qabel u ma kienx jafu, u ghaldaqstant ma setax jghid jekk imniehru kienx deviated qabel jew le.

Ix-xhud ikkonferma ic-certifikati esebiti f'dawn l-atti mmarkat bhala Dok S1 u S2 fl-intier taghhom

Illi nhar is-sittax ta' Awissu 2006 xehed **Dr. Michael Spiteri** (a fol. 55) fejn qal li huwa jikkonferma li kien ezamina lil Jeff Attard fid-dipartiment ta' l-emergenza tal-isptar San Luqa nhar it-28 ta' Lulju 2006 ghall-habta ta' 4.35pm, meta dan kien gie ammess l-isptar. Qal li sussegwentement kien gie infurmat illi dan il-guvnott kien gie involut fi glieda il-gurnata ta' qabel, li kien mar il-Health Centre u kien gie riferut minn Dr. Gunther Abela biex ikun ezaminat ghal xi ksur fl-ghonq. Zied jghid li mill-investigazzjonijiet li saru fuq is-Sur Attard ma rrizulta li kien hemm ebda tip ta' ksur u ghalhekk dan intbaghat id-dar. Hawnhekk ix-xhud esebixxa certifikat mahrug minnu li jinsab mmarkat bhala Dok Z.

Illi nhar is-sittax ta' Awissu 2006 xehdet **Dr. Caroline Griscti** (a fol. 59) fejn qalet li hija kienet ezaminat lil Maria Attard fid-29 ta' Lulju 2006 fil-klinika tal-Gvern fil-Mosta. Mill-ezami sabet li kellha tbengila fuq l-ispalla x-xellugija u ohra 3cm boghod minnha u li t-tnejn kienu vjola. Hawnhekk fissret li z-zewg tbengiliet kienu friski. Dr. Griscti xehdet li Maria Attard kellha sinna n-naha ta' isfel tal-halq ticcaqlaq, kellha nefha fuq l-irkoppa x-xellugija u erba' tbengiliet ftit 'l fuq mill-minkeb tal-lemin. Tenniet tghid li meta ratha, din kellha sinna ticcaqlaq u li kienet certa li ma kellha l-ebda sinna nieqsa u fil-fatt kienet irreferietha ghal ghand dentist, pero' ma kinitx taf kemm din is-sinna kienet ilha ticcaqlaq. Esebiet certifikat rilaxxjat minnha stess li gie mmarkat bhala Dok X.

Illi nhar is-sittax ta' Awissu 2006 xehed **Dr. Eric Farrugia** riprodott (a fol. 62) fejn qal li huwa kien wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu fuq dak li kien qallu l-pazjent. Tenna jghid ukoll pero' li jekk id-daqqa effettivament giet min-naha l-ohra u mhux min naha li qallu l-pazjent, il-konkluzjoni tieghu xorta kienet li ma hemmx ksur ta' l-ghadam. Ikkonferma li l-imnieher kien imcaqlaq lejn in-naha tal-lemin minn qabel l-incident. Ikkonferma wkoll li l-qarquca setghet tkun kompatibbli mad-daqqa li qala', u li parti minnha marret lejn in-naha tal-lemin u l-bicca l-ohra titbewwaq ghax-xellug. Zied jghid li hu jikkonferma li r-ritratt xorta kien juri li l-imnieher kien slightly deviated to

the lef, u li fil-fatt huwa kien qed jikkorrobora l-konkluzjoni li kien wasal ghaliha dakinhar tal-ezamijiet li ghamel. Kompla jinsinsti li huwa kien jinsab konvint u perswaz li ksur ma kienx hemm fl-imnieher, fl-ebda stadju. Mistoqsi jekk ic-caqlieq fil-qarquca kienx frisk jew le, huwa wiegeb li dak huwa difficli li tghidu , u li tista' tikkonferma jekk kienx hemm xi caqlieq jekk ikun hemm septal heamatoma. Qal ukoll li huwa ra lill-pazjent gimghatejn wara l-incident u ghaldaqstant ma setax jghid jekk kienx hemm bruising.
Esebixxa l-history sheet mehuda mill-isptar San Luqa dwar Lawrence Attard, liema dokument gie mmarkat bhala Dok T. Spjega li meta in-nefha fuq in-naha ta' l-imnieher ta' gewwa tal-pazjent tinzel, il-pazjent jibda jiehu nifs tajjeb, pero' jekk din tibqa ddejqu, jkollu jaghmel operazzjoni. Meta kien mistoqsi jekk in-nefha kinitx ghadha hemm jew le, stqarr li ma setax jghid li ghadha hemm u peress li din hija xi haga hajja, l-inforra gieli tintefah u gieli le. Qal li x'aktarx li l-problema tan-nifs tal-pazjent kienet gejja mill-fatt li dan ghandu deviated cartridge, pero' ma jistax jghid mija fil-mija kif gie dan id-deviated cartridge.

Illi nhar is-16 ta' Awissu 2006 xehdet **Dr. Alison Abdilla** riprodotta ( a fol. 69) fejn giet mitluba mill-Qorti sabiex tirriproduci dak li effettivament kienet kitbet fil-history sheet ta' Lawrence Attard fl-isptar San Luqa. Hija qalet li dak inhar ta'l-ezami taghha fuq Lawrence Attard, kien irrizulta li dan kellu nose bleeding u nasal deviation u kien riferut mill-Health Centre. Kienet sabet li kellu right nasal deviation, left septal deviation, no active bleeding u no septal heamatoma. Meta giet murija l-continuation sheet ta' l-isptar San Luqas datata 28 ta' Lulju 2006, ikkonfermat li kemm il-kalligrafija u kif ukoll il-firma huma taghha, filwaqt li regghet iffirmatha peress li din mhijiex originali izda hija fotokopja. Ix-xhud ikkonfermat il-kontenut ta' din il-continuation sheet fl-intier taghha. Ghalqet ix-xhieda taghha billi qalet li peress li hija kienet ezaminat lill-pazjent l-ghada ma setghetx tghid jekk kellux dmija jew le.

Illi nhar is-16 ta' Awissu, 2006 xehed **Lawrence Attard** bil-lingwa Ingliza (a fol. 73) fejn qal li sa dakinhar kien

ghadu jbati minn problemi biex jiehu n-nifs min-naha tax-xellug ta' mniehru.  Xehed li huwa kien qal lit-tabib li Anthony Abela kien qabdu minn ghonqu b'id wahda, u bl-ohra tah daqqa go mniehru.  Zied jghid li lit-taib kien spjegalu ezattament kif kien qala' d-daqqa u b'dan il-mod kien urieh fic-cert li l-imputat Anthony Abela kien tah daqqa fuq in-naha tax-xellug ta' mniehru.

Meta gie mistoqsi kif kellu x'jaqsam l-imputat Carmel Abela, ix-xhud wiegeb li dan kien l-ewwel wiehed li sawwat lil missieru, li kien ta daqqa lil ommu u waqqaghha fl-art u ta daqqa lil ibnu Jeff Attard fuq geddumu.  Ziedd billi qal li Anthony Abela kien ta daqqa lil ibnu go sidru filwaqt li Carmel Abela kien tah daqqa fuq geddumu.

Il-Qorti staqsiet lix-xhud biex jghidilha min kien kisser is-sinna lil missieru, u dan ikkonferma li kien Carmel Abela li ghamel dan, u ikkonferma wkoll li kien l-istess Carmel Abela li kien ta daqqa lil ommu go wiccha.  Tenna li hu kien qala' xi tliet jew erba' daqqiet madwar imniehru.

Gie mistoqsi wkoll jekk setax juri l-passaport, pero' hawnhekk wiegeb li ma dan ma kienx fuqu.  Kompla jghid li meta t-tabib ried jara l-passaport hu kien tahulu.  Sahaq li mniehru kien iccaqlaq wara d-daqqa li qala'.  Iccara li hu kien qal li kellu mniehru miksur wara li kien qallu hekk it-tabib, pero' zied ukoll li mbaghad lit-tobba kien irrizultalhom ma kien hemm l-ebda ksur.  Cahad li mniehru kien imxaqleb lejn il-lemin minn qabel.

Zied jghid li Carmel Abela mill-ewwel qabad u ta daqqa lil missieru f'wiccu u li meta hu ra hekk telaq jigri ghal hdejhom, izda Anthony Abela hatfu minn ghonqu u tah daqqa fuq imniehru.

Qal li wara l-incident kien mar fuq il-post Surgent tal-Pulizija.  Ikkonferma li fuq il-post tal-incident kien ra lil Anthony Abela, Carmel Abela u huhom iehor jitkellmu mal-pulizija.  Tenna wkoll li hu kien qal lill-Ispettur u lis-Surgent li Charles Abela kien involut fl-incident.  Kompla jghid li missieru waqa' mal-art mal-ewwel daqqa li qala' minghand Carmel Abela, u li kien dak il-hin stess li Anthony Abela hataf lilu minn ghonqu, u li fl-istess hin ibnu Jeff kien mar jigri hdejh u Carmel Abela tah daqqa

fuq geddumu. Qal li peress li ibnu kellu tbengil taht geddumu kellu jiehdu l-poliklinika.

Qal li missieru mar igib is-sikkina meta Carmel Abela sawwat lil ommu fuq wiccha u tefaghha fl-art. Temm billi qal li huwa kien spjega dan kollu lill-Ispettur u lis-Surgent tal-Pulizija.

Illi nhar is-16 ta’ Awissu 2006 xehed **Jeff Attard** bil-lingwa Ingliza (a fol. 76) fejn ikkonferma li qabel ma beda jaghti x-xhiea tieghu, il-Qorti wissietu dwar is-serjeta’ tal-gurament. Beda billi qal li huwa gieli kien ra lil Anthony Abela u lil Carmel Abela fit-triq, peress li dawn joqoghdu faccata tad-dar tan-nanniet tieghu. Qal li jiftakar li dakinhar tal-incident huwa kien mar jixtri ma’ missieru u meta marru lura d-dar sabu trakk ipparkjat quddiem id-drive in taghhom, u ghalhekk missieru kellu jipparkja iktar ‘il fuq. Waqt li huma kienu sejrin bix-xirja lejn id-dar, raw lil nannuh niezel it-tarag tad-dar. Missieru staqsieh x’kien se jaghmel, imma qal li nannuh ma wegibx. Ghalhekk hu u missieru waqfu fit-tarag biex jaraw dan x’kien se jaghmel. Qal li nannuh mar wara t-trakk u beda jikkopja n-numru ta’ registrazzjoni tat-trakk fuq bicca karta. Qal ukoll li dak il-hin hareg ragel, li ma kienx prezenti fl-Awla, u dan ghajjat xi haga, imma peress li hu ma jafx bil-Malti ma fehmux. Imbaghad ra lil Anthony Abela u lil Carmel Abela jitilqu jigru ghal fuq nannuh u qabdu jsawtuh. Dak il-hin missieru mar biex jipprova jwaqqafhom, imma dawn qabdu jaghtu lil missieru wkoll. Qal li bdew ituh fuq in-naha ta’ wara ta’ rasu.

Meta l-Qorti staqsiet lix-xhud min kien li sawwtu, dawn wiegeb li Carmel Abela tah daqqa go wiccu, filwaqt li Anthony Abela tah daqqa go sidru. Kompla jghid li mbaghad ra lin-nanna tieghu niezla t-tarag biex tkun taf x’kien qed jigri, u Carmel Abela taha daqqa go wiccha, hdejn halqha, u din waqghet mal-art. F’dak il-hin nannun dahal gol-gnien u hareg b’sikkina f’idu. Qal li missieru kien pront hadlu s-sikkina minn idu, ghaddieha lil nanntu u din dahhlitha gewwa. Xehed ukoll li Carmel Abela beda jaghti daqqiet lil nannuh fuq ghajnejh u halqu.

Meta x-xhud gie mistoqsi huwa x'kien qed jaghmel, qal li ghall-ewwel qaghad hemm biss imma x'hin ra lil missieru jaqla' d-daqqiet mar biex jara dan kif kien u allura bdew isawtu lilu wkoll.

Meta gie mitlub jikkonferma jekk giet imbuttat jew kienx qala' daqqa, ix-xhud ikkonferma b'mod assolut li qala' daqqa.

Illi nhar is-16 ta' Awissu 2006 xehed **John Camilleri** (a fol. 79) fejn qal li dakinhar tas-27 ta' Lulju 2006 huwa kien mistieden reception fit Triq Carmelo Pace u peress li kien mar kmieni biex isib jipparkja qaghad jippassigga fl-akwati sakemm isir il-hin. Qal li sadanittant kien mar trakk, dak il-parti li tigbed trailer, u li minnu nizlu tnejn min-nies. Ra wkoll li kien hemm ragel iehor ftit il-boghod u li imbaghad dawn it-tliet irgiel iltaqghu u bdew jitkellmu. Ikkonferma li kien qed jaghraf lil Carmelo u Anthony Abela bhala t-tnejn min-nies li nizlu mit-trakk. Pero' mbaghad qal li ma setax jahlef jekk kienux huma jew le li nizlu mit-trakk pero' zgur li dawn kienu z-zewg irgiel li ra jitkellmu mal-persuna l-ohra li kien ra fit-triq. Ma kienx cert min minnhom it-tlieta kien nizel mit-trakk. Kompla jghid li meta rega' dar lura, ghax hu kien miexi, kien hemm tlieta min-nies u li z-zewg imputati, Carmel u Anthony, kienu tnejn minnhom.

Zied jghid li imbghad giet karozza ohra u pparkjat fl-akwati. Qal li hu ra zewg irgiel li bdew jiehdu n-numru tat-trakk ghax kien ipparkjat quddiem il-garaxx u lil dawn semaghhom jghidu li riedu jaghmlulu citazzjoni. Qal li kien se jdur biex jghidilhom li jekk kien garaxx kien ikun ahjar jekk icaqilquh, pero' ma lahaqx ghamel dan. Ix-xhud qal li sema' xi kliem ta' protest, u bdiet tissemma wkoll il-pulizija, u li mbaghad ra lil Antoine Abela u lil ragel anzjan, li sa fejn jaf hu jismu Joseph, imqabbdin flimkien. Ra li Abela beda jjipprova jinqala minn ma' Joseph pero' ma setax ghax dan kien qed izommu sew. Qal ukoll li rah itih daqqa bil-minkeb fil-genb ta' wiccu. Zied jghid li l-movimenti ta' idejh kien juru li ried jinqala' minn mieghu. Kompla jghid li Anthony Abela zelaq u gie dahru mal-hajt, pero' Joseph Attard baqa imwahhal mieghu, sadanittant Joseph Attard kien lahaq dawwar wiccu u hadu in full face

bil-minkeb. Qal li imbghad dahlu fiha kemm Carmel Abela u kif ukoll Lawrence Attard, u li lil dan tal-ahhar semghu jghid “don’t fight u don’t fight” u li darba minnhom dan ghal naqra ma telax fuq il-karozza. Ix-xhud qal li ma ra lil hadd jaghti daqqa lit-tifel.

Ix-xhud qal ukoll li mar biex jikkalma lil Anthony Abela u ghalhekk hadu n-naha l-ohra tat-triq. Qal li peress li kellu dahri lejn l-ohrajn dak il-hin ma setax ikun jaf x’kien qed jigri. Wara li kien irnexxielu jikkalma lil Anthony Abela, ix-xhud zied jghid li pprova jikkalma wkoll lil Carmelo Abela li wkoll mar fuq in-naha l-ohra tat-triq u b’hekk is-sitwazzjoni kkalmat. Pero’ f’dan il-waqt, meta s-sitwazzjoni kienet ikkalmat, qal li l-anzjan Joseph Attard kien mar jigri mid-drive in b’sikkina kbira f’idejh u li ibnu Lawrence mar jikkalmah. Kompla jghid li hu ma kienx in-naha ta’ fejn kien hemm is-sikkina, pero’ jaf li dakinhar is-Sur Anthony Abela nehha l-flokk u dawwru ma’ jdejh meta ra lil Joseph Abela sejjer fid-direzzjoni tieghu. Iccara li l-familjari ta’ Joseph Attard bdew izommuh u rnexxielhom jehduh lejn id-dar. Imbaghad qal li huwa dak il-hin dar fuq Carmel Abela u Anthony Abela u qalilhom biex ma jergghux imorru ‘l hemm. Ix-xhud zied li hu dahal gewwa fid-drive ikellem lil Joseph Attard u li dan kien aggressiv mieghu ukoll u kien qallu biex ma jindahalx u keccieh, pero’ fl-ebda hin ma messu.

Is-Sur Camilleri qal li waqt li Anthony Abela kien maqbud ma’ Joseph Attard, kemm mart Joseph Attard kif ukoll ibnu Lawrence marru biex iferrquhom, u li bil-movimenti li kien hemm Lawrence Attard waqa’. Jaf li waqghu xi nies fuqu, pero’ jekk kienx Antoine jew Carmel ma jafx. Xehed li ma ra lil hadd isawwat lill-mara ta’ Joseph Attard. Xehed ukoll lil meta hu qal lil Joseph Attard biex icempel lill-pulizija, dan wiegbu li l-pulizija ma jigux. Ghalhekk ix-xhud qal li beda jheggeg lil Attard biex jidhol gewwa biex ma jinqalax iktar trouble, pero’ dan beda jinsisti li jrid igib il-pulizija u ghalhekk ix-xhud qallu li seta’ jmur l-ghassa bil-karozza. Camilleri ma setax jikkonferma jekk Joseph Attard kellux sinna maqlugha jew le, pero ra li kellu dmija f’wiccu filwaqt li ma jiftakarx illi s-sinjura kellha xi demm f’wiccha. Lanqas ma kien jaf min kien qal il-kliem hazin li huwa kien sema’.

Iddeskriva lis-sinjura Attard bhala mara pjuttost qasira u robusta u qal li kellu l-impressjoni li din kienet waqghet fuq il-bankina meta Joseph Attard kienu imqabbad ma’ Anthony Abela u li hija marret go fihom u dawn imbuttawha. Kompla jghid li meta Joseph Attard qala’ daqqa ta’ minkeb minghand Anthony Abela, is-sinjura Attard kienet riesqa lejhom u hekk kif inqalghu laqtuha. Ikkonferma li din kienet qed tigbed lil zewgha filwaqt li hu kien gibed lil Anthony Abela ghax dan kien l-iktar vicin tieghu. Qal ukoll li il-pulizija gew fuq il-post qabel ma gabhom Lawrence u li l-incident dam xi 5 minuti kollox.

Qal li hu ma ra lil Anthony Abela jaghti bil-ponn lil hadd u li lil Carmelo Abela rah jigri wara l-ohrajn, pero’ jaghti bil-ponn ma rahx.

Illi nhar it-22 ta’ Dicembru 2006 xehed **PC428 Vella** (a fol. 99) fejn qal li huwa kien qed jara stqarrija esebita f’dawn l-atti mmarkata bhala Dok KF4 a fol. 23. Ikkonferma li din hija stqarrija rilaxxjata minn Anthony Abela, li hu gharaf prezenti l-Awla. Ikkonferma wkoll il-kontenut ta’ din l-istqarrija u li qabel ma ttiehdet din l-istqarrija, l-imputat kien inghata s-solita twissija. Ix-xhud ikkonferma li hu kien qed jaghraf il-firma tieghu u dik tal-Ispettur Farrugia kif ukoll ta’ Athony Abela fuq kull faccata tal-istqarrija, liema stqarrija tikkonsisti fi tliet faccati.

Illi nhar il-5 ta’ Lulju 2007 xehed **PC1101 Noel Enriquez** (a fol. 115) fejn ikkonferma li fis-27 ta’ Awissu 2006 ghall-habta tat-8.00pm kien gie mghajjat flimkien ma xi ufficjali tal-pulizija ohra fi Triq Carmelo Pace Iklin u dan peress li kienu gew infurmati li kien sehh xi argument. Meta marru fuq il-post sabu li kien hemm Anthony Abela kif ukoll Carmel Abela jargumentaw ma persuna bl-isem ta’ Joseph Attard. Ikkonferma li hu ma ra l-ebda ferita fuq il-persuni ta’ Anthony Abela u ta’ Carmel Abela filwaqt li Joseph Attard kellu xi dmija fuq wiccu. Qal li l-pulizija elevat ukoll is-sikkina minghand Joseph Attard minn gewwa dar fl-Iklin. Zied jghid li kemm Anthony Abela u kif wkoll Carmel Abela t-tnejn allegaw li kien Joseph Attard li

kien hebb ghalihom bis-sikkina li kienet wahda tal-kcina. Ikkonferma li l-argument li kien hemm bejn is-sinjuri Abela u Attard kien wiehed daqxejn skur u kien jitratta fuq xi parking, ghaliex Abela pparkjaw trakk quddiem id-dar ta' Joseph Attard u huwa xtaq li jitnehha. Kompla jghid li huma infurmaw lis-surgent li wkoll kien mar fuq il-post. Sussegwentement kienu marru fuq il-post il-pulizija ta' l-ghassa u komplew l-investigazzjoni huma.

In kontro ezami ix-xhud qal li meta hu wasal fuq il-post l-argument kien spicca. Qal li dan kien argument bil-fomm u li ma kien hemm ebda glied. Qal ukoll li l-argument bil-fomm kien gej miz-zewg nahat, fis-sens li dawn kienu qed jghajjru lil xulxin

Illi nhar il-5 ta' Lulju, 2007 xehed **PC 1138 Andrei Spiteri** (a fol. 117) fejn qal li fis-27 ta' Lulju 2006 kienu gew mghajjta sabiex imorru jaghtu l-assistenza gewwa Triq Carmelo Pace Iklin u dan peress li kienu gew infurmati li kienet sehhet xi glieda. Qal li hu flimkien ma' xi ufficjali ohra tal-mobile squad kienu marru fuq il-post u hemmhekk sabu lil Anthony Abela u lil Carmel Abela, pero qal li meta waslu huma, il-glieda per se kienet diga' waqfet u kien hemm biss xi battibekk ghaddej bejn il-partijiet kollha. Qal ukoll li kienu gew infurmati mill-imputat li s-sinjur li kellu xi jghid maghhom effettivament kellu sikkina, u fil-fatt ikkonferma li dahlu god-dar u elevaw sikkina mill-parapett li mbaghad ghaddew lill-pulizija tad-distrett. Ikkonferma li kien hemm ragel anzjan li kellu xi dmija f'wiccu u mara li wkoll kellha xi dmija f'wiccha.
Illi nhar l-4 ta' Dicembru 2007 xehdet **Dr. Carmen Salafia Zammit** (a fol. 125) fejn qalet li hija kienet qed tixhed ghan-nom u in rappresentanza tas-Supretendent tal-Isptar. Filwaqt li ghamlet referenza ghall-history file ta' Lawrence Attard passport number 40003708 qalet li din il-persuna kien irregistrat ruhha l-emergenza u rawha t-tobba tal-ENT u li ghalhekk file per se ma hemmx u kull ma hemm hija karta l-emergenza, pero' din ma nstabitx.

Dwar Guseppi Attard ID 60432M qalet illi fis-27 ta' Lulju 2006 dan kien gie ezaminat fid-Dipartiment ta' l-

Emergenza. Kien dahal fis-sala MS2 St. Luke's u hareg fid-29 ta' Lulju, 2006. Dan kellu daqqa fuq ghajnejh ix-xellugija, daqqa fuq in-naha tal-lemin ta' xuftejh u kellu sinna fuq in-naha tal-lemin li waqghetlu, liema feriti kienu kollha ta' natura hafifa. Ziedet tghid li l-pazjent kien taht il-kura tal-konsulent tas-sala Arthur Felice u li kien gie ezaminat ukoll minn Dr. M. Borg reg number 2632. Esebiet vera kopja awtenikata minnha stess tan-notamenti mehuda mill-file ta' Guseppi Attard, liema dokument qed jigi mmarkat bhala Dok SZ.

Rigward Maria Attard ID572636M qalet li din qatt ma kienet giet registrata fl-isptar San Luqa fis-27 ta' Lulju, 2006.

Illi nhar is-26 ta' Gunju 2008 xehdet **Maria Attard** ( a fol. 156) fejn qalet li lil Carmel Abela tafu ghaliex joqghod hdejha. Din qalet li fl-incident li kellha f'Lulju 2006, dan kien sawwatha. Ziedet tghid li dan kien kissrilha snienha u bengilha u kompliet tghid li fil-fatt saqajha kienet ghadha tugghahha. Xehdet ukoll li huwa ta xeba' lit-tifel taghha u dan ghamel gimgha l-isptar. Fil-fatt qalet li rat lil Carmel Abela jaghtih daqqa ta' ponn u qalet ukoll li kien gab lil huh Anthony u persuna ohra biex isawtuh u t-tlieta li huma tawh.

Xehdet li tiftakar illi lilha kien ta daqqa ta' ponn, tajjrilha snienha, ghamlilha black eye, qabadha minn dirghajha u fil-fatt halla l-impronti tieghu fuq dirghajha. Ikkonfermat li dan sehh hdejn id-dar taghha fl-Iklin. Kompliet tghid li Abela kien qed jistennieha wara l-bieb. Qalet ukoll li Carmel Abela kien ukoll ta bil-ponn lil zewgha, u li sahansitra farraklu snienu kollha. Qalet li Abela kien ilu jghid lil zewgha li tieghu kienet ser tasal. Kompliet tghid li lilha kien ukoll sabbatha mal-art.

Ikkonfermat li l-incident li kienu li gara sentejn izda ftakret li dakinhar kienet gejt akkumpanjata mis-surgent u marret il-poliklinika tal-Mosta. Qalet li hemmhekk it-tabiba li ezaminatha kienet taghtha certifikat, li imbaghad hi kienet ghaddietu lis-surgent. Meta giet mistoqsija min kien li waddaba mal-art, wiegbet li kien l-imputat Carmel Abela.

In Kontro-ezami ix-xhud ikkonfermat li l-incident sehh fi Triq Carmel Pace l-Iklin. Qalet li l-imputat kien pparkja fit-triq taghha u r-ragel taghha kien nizel ikellmu u biex jiehu n-numru tal-vettura tieghu, u li imbghad l-imputati marru ghalih u qabzu fuqu.

Ix-xhud cahdet li zewgha beda jaghti lil Carmel jew li gholla idu mieghu. Kompliet tghid li zewgha ghandu 76 sena. Ikkonfermat li fil-fatt mhux Carmel biss beda jsawwat lir-ragel taghha, imma t-tlieta li huma filwaqt li ziedet tghid li zewgha ma ddefendiex ruhu li r-ragel taghha huwa bniedem marid.

Ikkonfermat li zewgha kellu sikkina u li hi hadithielu u ziedet li Karmenu dahal ghaliha gewwa. Kompliet tghid li fil-fatt kien hu li taha lill-pulizija. Xehdet li x’hin rat lir-ragel taghha bis-sikkina f’idu waqqfitu u hadithielu minn idu, u li fl-ebda hin ma lahaq ta daqqa bihha jew xejjriha. Kompliet tghid li s-sikkina haditha f’idejha u dahhlitha gewwa, anzi qalet ukoll li fil-fatt is-sikkina mill-ewwel hadha l-imputat. Cahdet ukoll dak li gie ssuggerit lilha li zewgha xejjer is-sikkina u laqatha fi spallitha biha. Tenniet li hi s-sikkina hadithielu minn idejh.

Qalet ukoll li bdiet tghid lil Anthony Abela biex jieqaf u biex ma jkomplux isawwtu lir-ragel taghha. Mistoqsija jekk kellhiex xi injuries ohra apparti li kissrulha snienha, ix-xhud ikkonfermat li kellha black eye. Qalet li dawn id-daqqiet kollha kien tahomlha Carmelo Abela. Ix-xhud ziedet li hi tbati minn kundizzjoni medika tal-ilma f’widnejha.

Maria Attard qalet li l-glieda bdiet fl-indana tal-garaxx u kompliet billi kkonfermat li huwa minnu li l-kwistjoni inqalghet kollha ghaliex l-imputat ipparkja l-vettura tieghu quddiem il-garaxx taghhom u ghalhekk huma ma setghux jidhlu fil-garaxx. Qalet li fil-fatt it-trailer taghhom poggew b’tali mod li ghalqulha l-post kollu. Fl-ahhar nett qalet li l-kwistjoni kienet bdiet fit-triq.

Illi nhar is-16 ta’ Settembru 2008 xehdet **Dr. Mary Meilaq** (a fol. 172) fejn qalet li kienet ghadha gejja minghand is-

Supretendent tal-isptar Bartolo, li kien infurmaha li Dr. Micahel Borg kien ghadu msiefer. Imbaghad kompliet tixhed mill-Medical History file ta' Joseph Attard u qalet li dan kien gie nvistat minn Dr. Michael Borg nhar is-27 ta' Lulju 2006. Semmiet li kellu abrazjonijeit f'wiccu, hematoma fuq xofftu n-naha ta' fuq tal-lemin u hematoma ohra fil-left peri-orbital region. Il-pazjent kien qed jikkomplejnja wkoll minn chest pain u ugiegh ta' ras. Ix-xhud qalet li c-chest pain baqa' jigi investigat mill-medical team tal-konsulent Dr. Pullicino. Ziedet tghid li dan kellu wkoll xi snien neqsin u kien ghalhekk li kien gie nvistat fid-dentistry. Kompliet li l-pazjent dahal l-isptar fis-27 ta' Lulju 2006 u hareg jumejn wara. Fl-isptar hu kien gie ezaminat minn Dr. Pullicino fis-7 ta' Dicembru 2006. Esebiet fotokopja li ghamlet hi stess tal-History Sheet ta' Joseph Attard, u ccertifikat li dawn huma vera kopja. Dawn gew immarkati bhala Dok. Z.

Illi nhar is-26 ta' Novembru 2008 xehed Dr. Edgar Pullicino ( a fol. 178) fejn qal li huwa jokkupa l-kariga ta' konsulent fl-isptar Mater Dei u li hu fil-fatt kien ezamina lil Joseph Attard f'okkazzjoni wahda. Dan kien fis-7 ta' Dicembru 2006 fl-outpatients tal-isptar San Luqa. Qal li kien rah fuq rikjesta tas-Senior Medical Officer li kien ghassa u li kien ra lil Mr. Attard fis-sala MS 2 fit-28 ta' Lulju 2006, wara li dan kien hass xi ugiegh f'sidru man-nifs li kien assocjat ma anomalija fil-qalb. Din l-anomalija x'aktarx li kienet dovuta ghal pressjoni gholja kronika li kienet qed tikkaguna left heart strain pattern. Kompla jghid li la hu u lanqas it-tabib ta' l-ghassa ma qaghdu jidhlu fuq kwistjonijiet ta' feriti, izda huma kkoncentraw biss fuq din il-problema tal-qalb. Spjega li mill-file jidher li l-pazjent kien qed jiehu hafna medicini ghall-pressjoni kronika u dan kkawza kambjament. Ikkonferma li meta bniedem ikun taht stress, il-pressjoni toghla.

Illi nhar it-13 ta' Mejju 2009 xehed **John Camilleri** (a fol. 193) fejn qal li huwa jikkonferma li dakinhar ta' l-incident kien prezenti. Mistoqsi kemm effettivament ra nies jiggieldu bl-idejn dakinhar, qal li ra tnejn. Qal li waqt il-glieda dahlu xi nies ohrajn u telqu, u allura kien difficli jghid jekk kienux qed jiggieldu jew iferrqu, pero' kien cert

li l-imputat odjern kien wiehed minn dawn l-irgiel li kienu qed jiggieldu. Pero' min kienet il-persuna l-ohra ma kienx jaf ghad li qal li jekk jaraha jgharafha.

Meta gie mistoqsi jekk rax xi arma, ix-xhud wiegeb li, iva kien ra arma. Din kienet sikkina, twila xi 9 pulzieri. Kompla jghid li s-sikkina ma kienx raha f'idejn l-imputat imma f'idejn il-persuna l-ohra li kienet qed tiggieled ma' l-imputat. Fil-fatt qal li ma kienx qed jistenna li s-sitwazzjoni kienet ser tasal fejn waslet, u dan ghaliex il-persuna li kellha tnehhi t-trakk, mill-ewwel kienet marret biex tnehhih ghalkemm pparkjat quddiem il-garaxx ta' l-iehor. Qal ukoll li meta l-imputat odjern kien mar biex inehhi t-trakk, il-persuna l-ohra bdiet tgholli l-vuci taghha u l-imputat kien qallu li kien mar sabiex inehhi t-trakk minnufih. Hawnhekk ix-xhud qal li meta ra hekk kien baqa' jippassigga ghax kien haseb li l-istorja kienet ser tieqaf hemm, pero' mbaghad meta rega' lura sab li l-glieda kienet sahnet tant illi kienu maqbuda f'xulxin, u anke kien hemm xi terzi persuni wkoll involuti. Stqarr li huwa mar biex jikkalma lil wiehed minnhom, li fil-fatt ikkalma u qasam it-triq ghan-naha l-ohra. Zied jghid li jekk mhux sejjer zball kien hemm ukoll xi huh mieghu u beda jikkalmah wkoll.

Kompla jghid li sadanittant, il-parti l-ohra dahlu jigru u r-ragel hareg b'sikkina. Hu kien pront mar fuqu minnufih. Iddeskriva lil dan ir-ragel bhala "mitluf minn sensieh" u beda jipprova jipperswadih biex jisma' minnu ghaliex inkella kien ser jigi fl-inkwiet, u fil-fatt dak obda u halla s-sikkina fuq ic-cint. Ikkonferma li din il-persuna harget mill-parapett bis-sikkina f'idejha.

Mistoqsi in kontro-ezami kemm kien ghadda zmien minn mindu ra l-argument jibda fil-bidu u imbghad sussegwentement rritorna u rah li kien sahan, wiegeb li effettivament forsi kien hemm minuta, ghax kull ma ghamel kienu ghoxrin pass 'il quddiem u lura. Kompla jghid li n-nies involuti kienu tfajjel u sinjura anzjana, li ma kienux fil-glieda anzi t-tnejn li huma pruvaw iferrqu, l-imputat u ragel iehor li wara rrizulta li kien huh, u kien

hemm il-parti l-ohra li kien missier it-tfajjel, u l-persuna anzjana li kellha s-sikkina f'idejha.

Ix-xhud gharaf lil Lawrence Attard prezenti fl-awla u kkonferma li dan effettivament kellu wkoll xi dmija f'wiccu u ma' halqu. Mistoqsi jekk kienx hemm nies ohrajn involuti, ix-xhud irrisponda li ma jirrizultalux li kien hemm. Qal li meta l-imputat u l-persuna l-ohra kienu imqabbda f'xulxin, kien hemm mara anzjana li marret tferraqhom u meta l-imputat u l-persuna l-ohra waqghu, din is-sinjura li kienet marret biex tferraq waqghet fl-art ukoll.

Meta l-prosekuzzjoni staqsietu jekk il-persuni l-ohrajn kienux involuti fil-glieda, wiegeb li skond hu jekk il-persuni l-ohrajn marru biex iferrqu, ma kienux involuti fil-glieda ghax allura anke hu kien involut fil-glieda ghaliex hu wkoll kien mar biex iferraq.

Illi nhar it-30 ta' Gunju 2009 xehed **l-Ispettur Kevin Farrugia** (a fol. 202) fejn qal li kien hu li nterroga lil Anthony Abela dak inhar stess ta' l-incident nhar is-27 ta' Lulju 2006. Zied li dak kollu li Abela kien qallu dakinhar, tnizzel fl-istqarrija li huwa kein diga' esebixxa fl-atti. Qal ukoll li hu kien ha passi fid-distrett kontra s-sinjuri Attard u dak kollu li kienu qalulu huma wkoll tnizzel fl-istqarrija, izda illum il-gurnata m'ghadux jiftakar x'kienu qalulu. Pero' zied jghid li jekk jirrizulta li huwa kien ha akkuza fuq pussess ta' arma kontra taghhom fis-seduta tad-distrett, dan ifisser li kienu semmewhielu dakinhar. Ikkonferma li fil-proceduri li ttiehdu fil-konfront tas-sinjuri Attard, dawn kienu hargu liberati

Illi nhar it-30 ta' Gunju 2009 xehed **PS428 Carmel Debattista** in kontro-ezami (a fol. 204) fejn qal li meta hu kien beda l-investigazzjoni preliminari tieghu kien irrizultalu illi l-imputat kien pparkja t-trakk tieghu quddiem is-sinjuri Attard u kien hemm li nqalghet il-kwistjoni. Ma jidhirlux li effettivament kien pparkjat hazin u zgur li ma kienx hariglu citazzjoni f'dan is-sens. Mistoqsi jekk kintix giet elevata sikkina in konnessjoni ma' dan l-incident, wiegeb li iva u li din kienet giet mghoddija lilu mill-pulizija tal-mobile.

Ix-xhud in ri-ezami jghid li meta huwa wasal fuq il-post, is-Sur Guzeppi Attard kien ma’ l-art mat-triq. Mistoqsi jekk jiftakarx li kien baghat l-ambulanza ‘l hemm, jghid li ma jiftakarx. Qal ukoll li huwa qatt ma kien mar fuq incidenti bejn is-sinjuri qabel il-kaz odjern.

Illi nhar is-26 ta’ Novembru 2009 xehed l-imputat Anthony Abela fejn qal li dakinhar tal-incident jiftakar li kien sejjer ghand huh Charlie l-Iklin biex jaghtih xi dokumentazzjoni. Qal li pparkja t-trakk man-naha tat-triq fejn joqghod is-Sur Attard pero’ ma kien qed jostakola l-ebda dhul, fil-fatt qal li meta gew il-pulizija, dawn qalulu li t-trakk kien ipparkjat tajjeb u ghalhekk lanqas hargulu citazzjoni.

Zied jghid li waqt li kien qed jipparkja kien wasal ragel li wara sar jaf li jigi t-tifel tas-Sur Attard, u beda jitkellem nofsu bil-Malti u nofsu bl-Ingliz u beda jghajjat mieghu sabiex inehhi t-trakk minn fejn kien pparkjat. L-imputat qal li dan qallu *“move this rubbish”* u hu wiegbu “stenna naqra my friend”, kemm jghaddi xi dokumentazzjoni li huh. Imma l-iehor beda jillatika mieghu u beda jghajjat biex innehhieh ghax kien ser igib il-pulizija. Xehed li huwa irrispondieh li jekk ried igib il-pulizija, seta jgibha ghax hu ma kien qed jostakola lil hadd. Fil-pront hargu s-Sur Attard u l-mara tieghu u s-Sur Attard beda jiftah idejh biex inehhilu t-trakk, pero’ hu kompla jinsisti li ma riedx innehhieh. Qal li f’hin minnhom is-Sur Attard qisu sparixxa minn fuq il-post filwaqt li l-mara tieghu Maria Attard marret fuqu u bdiet tigbdu mill-flokk. Qal li sa dak il-hin hu kien ghadu kalm u li kien Jeff Attard li beda jippanikkja. Dak il-hin ra lil huh Carmelo gej hdejh, u qallu li ma kien gara xejn. Kompla jghid li fil-pront is-Sur Attard rega’ kompla jghajjat u li hu hass lil xi hadd jimbuttah u waqa’. X’hin waqa’ mal-art ra lis-Sur Attard gejt bis-sikkina, li kienet wahda kbira. Il-pulizija haduhielu minn go daru. Ma kienx jaf bic-cert is-Sur Attard x’ghamel meta hareg bis-sikkina f’idejh, ghax dak il-hin ma kienx qed ihares lejh, pero’ qal li meta waqa’ mal-art beda jipprova jolqtu biha. Huwa beda jiddefendi ruhu u neza’ l-flokk biex ma jolqtux u beda jiddefendi ruhu bil-flokk.

Ikkonferma li dak il-hin kien hemm sinjur li beda jwaqqafhom. Stqarr li Attard ma laqtux bis-sikkina u lanqas ma kien jaf min hadlu s-sikkina minn idejh, pero' jiftakar li dahal jigri biha u haduhielu minn gewwa. L-imputat qal ukoll li Attard lejh biss beda jindirizza s-sikkina, pero' hu beda jxejjer bil-flokk f'idejh biex ma jolqtux bis-sikkina. Ammetta li jaf li s-Sinjura Attard kienet qeghda warajh, u meta huh imbuttah, hi bdiet taqbdu mill-flokk minn wara u ghalhekk waqghu flimkien.

Stqarr li hu ma bediex jghajjat ghax kien jaf li fil-vicinanzi kien hemm party fejn kien prezenti l-Prim Ministru. Qal ukoll li kien hemm id-Direttur tal-Habs is-Sur Camilleri, li beda jsikket lil Attard biex ma jipprovokahx. Meta l-pulizija marru fuq il-post, s-Sur Attard beda jghidilhom biex jarrestaw lill-imputat u s-surgent kien dar fuqu u qallu li lilu kien ser jarresta peress li hu kien bis-sikkina f'idu. Qal li fil-fatt is-Sur Camilleri beda jikkalmah, u beda jghidlu biex jibqa' kalm kif kien.

L-imputat in kontro ezami qal li huwa minnu li s-Sur Attard kien hareg liberat mill-proceduri rigward is-sikkina u li s-sikkina baqghet f'idejn il-Qorti. Ma jiftakarx li quddiem il-Magistrat Apap Bologna kien hemm allegazzjoni li hu kien dahal fil-proprjeta' tas-Sur Attard, anzi cahad li hu qatt dahal fil-propjeta tas-Sur Attard. L-inwkiet inqala' barra. L-imputat jikkonferma li kien huh li mbuttah u kien b'hekk li hu waqa' ma' l-art. Qal ukoll li s-sinjura Attard kienet qed izomm mieghu mill-flokk u waqghet mieghu.

Illi nhar is-26 ta' Novembru 2009 xehed **Carmelo Abela** (a fol. 225) fejn qal li jiftakar li kien irrilaxxa stqarrija lill-ufficjal prosekutur nhar l-10 ta' Awissu 2006, liema stqarrija tinsab esebita fl-atti a fol 10 et seq, u li fuqha kien qed jaghraf il-firma tieghu fuq din l-istqarrija. Ikkonferma li hu kien ta din l-istqarrija xi gimghatejn wara li kien sehh l-incident u kkonferma wkoll il-kontenut taghha. Stqarr li l-Ufficjal Prosekutur kien qallu li kien sar jaf bih waqt li kienet qeghda tinghata xhieda fil-kaz li kien ghaddej fil-konfront ta' huh Anthony Abela, li dan kien tressaq fit-28 ta' Lulju 2006. Zied jghid li s-sinjuri Attard lilu kienu ilhom jafuh mis-sena 1990 meta kien beda jaghmel xi

kostruzzjoni fuq bicca art li tinsab vicin il-propjeta' taghhom u kkonferma li dawn kienu jaqilghulu l-kwistjonijiet. Qal li tant hu hekk li fis-sena 1991 Lawrence Attard kien gabar xi ghoxrin ruh mill-area u ghamlu protesta w anke kienu pprezentaw ittra lic-Chairman tal-PAPB w ohra lill-Prim Ministru u lill-Ministru koncernat rigward din il-kostruzzjoni. Esebixxa kopja tal-gazzetti li jindikaw fejn kienet saret din il-protesta. Dawn iz-zewg dokumenti gew immarkati bhala Dok CA1 u CA2 rispettivament. Kompla jghid li minhabba din l-ittra li kien baghat is-Sur Attard, kienu waqqfulu l-permess tal-bini u wara s-sottomissjonijiet li kien ghamel quddiem l-allura PAPB, il-PAPB kien issuggerielu li jmur ikellem lin-nies kollha li kienu nvoluti f'din l-ittra. Jiftakar ukoll li kienu ltaqghu fi front garden ta' villa minnhom u dsatax-il persuna minnhom kienu kitbulu li ma kinux isibu oggezzjoni biex hu jkompli bil-kostruzzjoni tieghu. Qal li kien is-Sur Attard biss li kien oggezzjona u kien sahansitra qallu li kien lest li jaghmillu hajtu nfern. Qal li sussegwentement il-permess hareg xorta wahda, izda malli beda jibni mis-sena 1991 'l quddiem bdew dehlin ir-rapporti u daqqa kienu jmorrulu l-pulziija u daqqa tal-PAPB. Imbaghad meta kien jasal hu dejjem kien isib lis-Sur Attard jistennieh u jidhaqlu. Ricentement, issokkta jghid, rega' beda jibni zewg vilel ohra fl-istess area, u regghu bdew jigu l-wardens u l-OHSA**.**

Rigward dakinhar li nqala' l-incident, l-imputat qal li hu kien qieghed go villa 'l boghod hafna minn fejn joqghod is-Sur Attard, u ghaldaqstant ma kienx imdahhal fl-argument. Innota izda li l-argument kien sehh taht il-bankina fejn joqghod is-Sur Attard. Spjega li l-argument li nqala' kien jirrigwarda parking ta' trakk li effettivament lanqas biss kien qed jimblokka l-entratura ghall-garaxx tas-Sur Attard. Fil-fatt, kif xehed is-surgent stess, ma kienx hemm bzonn li tinhareg citazzjoni dwar dan.

Kompla jixhed li meta kien hiereg mill-villa li tinsab xi 300 pied il' boghod mis-Sur Attard, huwa ra lil huh Twanny u guvnott zghir ma' Mr. Attard Junior, jargumentaw. Fl-istess hin is-sinjura Attard kienet qed tigbed lil Anthony Abela mill-flokk u is-Sur Attard Senior kien qed izommu

minn ghonqu. Hekk kif wasal l-imputat, is-Sur Attard Senior dahal fil-front garden tieghu, u meta l-imputat imbaghad kien wasal xi 150 pied il’ boghod ra lis-Sur Attard hiereg b’sikkina mid-dar tieghu. Stqarr li x’hin ra hekk huwa ghaggel il-pass u mbotta lil huh Anthony sabiex ma jintlaqatx bis-sikkina li kellu f’idejh is-Sur Attard. Dak il-hin ukoll, huh Anthony, Lawrence Attard u s-Sinjura Attard waqghu fl-art. Inzerta li fuq il-post kien hemm certu Mr. Camilleri, li l-imputat jghid li ma kienx jaf min kien izda li skopra wara li kien ex-direttur tal-habs, u dan beda jghajjat mas-Sur Attard biex inehhi s-sikkina minn idejh. Sussegwentement is-sitwazzjoni kkalmat.

Cahad li kkaguna xi offiza fuq il-persuna ta’ Guzeppi Attard jew Maria Attard, anzi nsista li hu kull ma ghamel kien li mbotta lil huh Anthony Abela sabiex ma jintlaqatx bis-sikkina, u peress li huma kienu maqbudin mieghu minn wara waqghu wkoll. Kompla jinsisti li fl-ebda hin ma mess lil Maria Attard.

In kontro ezami, l-imputat gie mistoqsi jekk qabel inbdiet din il-kawza kienx talab xi flus lis-Sur Attard in konnessjoni ma’ bicca art li l-imputat stess qed jghid li ghandu drittijiet fuqha. Huwa wiegeb li kien baghatlu ittra ufficjali permezz ta’ l-avukat tieghu sabiex jistabilixxu l-konfini tal-propjetajiet taghhom, pero’ kkonferma li qatt ma talbu flus. L-imputat ipprometta li fis-seduta li jmiss jesebixxi din l-ittra. Huwa cahad li kien qal lis-Sur Attard li kien se jaghmillu hajtu infern u rega’ qal li huwa kien biss imbotta lil huh Anthony ghax beza’ li kien ser jintlaqat bis-sikkina, anzi zied jghid li kieku ma mbuttahx dan zgur kien jintlaqat bis-sikkina. Qal li meta hu kien imbotta lil huh, kulhadd waqa’ ma’ l-art u kien hawn li ndahal Mr. Camilleri u beda jghajjat mas-Sur Attard, u mbaghad il-kwistjoni waqfet hemm. Stqarr li hu kien baqa’ jargumenta ma’ Lawrence Attard u ammetta li kien qallu li missieru kien jagixxi daqs li kieku t-triq kienet tieghu, pero’ cahad li tkellem hazin.

L-imputat ftakar li dakinhar kien hemm xi quddiesa ta’ ringrazzjament u xi party fil-vicinanzi, fejn kienu prezenti hafna nies, fosthom anke l-Prim Ministru; u ghaldaqstant ma kienx hemm post fejn jipparkjaw it-trakk. Ghalhekk,

ghalkemm normalment jevitaw li jipparkjaw qrib is-Sur Attard, dakinhar ma setghux jaghmlu mod iehor. L-imputat qal li ma jistax jispjega kif spiccaw b'dawk il-feriti jew jekk meta waqghu wegghux u kissrux snienhom jew le. Baqa' jsostni li hu kien biss imbotta lil huh, pero' peress li huma kien mqabbdin mieghu, meta dan waqa' huma waqghu mieghu. Qal li Lawrence Attard ma kienx waqa', waqghu biss Maria Attard u Giuseppe Attard. Cahad ukoll li hu kien ta daqqa ta' ponn lis-Sur Attard u kissirlu snienu.

Rat illi fil-hamsa w ghoxrin ta' Mejju, 2010 xehed **Giuseppe Attard** (a fol. 233 et seq.) in kontro-ezami w qal li lil hu l-imputat, cioe' lil Carmel Abela kien ilu jaf snin peress li huwa gar tieghu. Qal li dan ha kullimkien bl-ingenji tieghu u li huwa kien jibza' minnu ghax minn dejjem kien jheddu. Sahansitra jghid li Carmel Abela kien anke allega li hu (x-xhud) kien hadlu bicca art. Stqarr li ilu joqghod l-Iklin hamsin sena, u cahad li ghamel xi protesti meta Carmel Abela mar joqghod hdejh, izda qal li l-protesti saru mis-Sur Zahra u hu ffirma l-petizzjoni tas-Sur Zahra. Meta mistoqsi ghaliex Carmel Abela jheddu, x-xhud wiegeb li ma jafx x'inhi r-raguni, jaf biss dan ghamel kullimkien tieghu. Mistoqsi jekk Carmel Abela ghandux xi post fil-vicinanzi, wiegeb li ma jafx jekk hux tieghu, pero' jaf li Carmel Abela ghandu zewg vilel hemmhekk. Cahad li jaghmel il-hajja ta' Carmel Abela difficli, bhalma cahad li hu w ibnu hebbew ghalih. Sostna li lil ibnu qatt ma ralu sikkina f'idejh u zied li fil-fatt kien hu li gab sikkina minn gewwa biex ibezza' lil Carmel Abela u dan jitlaq lil martu li kienet fl-art. Stqarr li dan l-incident inqala' ghax is-Sur Abela pparkja t-trakk quddiem ix-xatba tad-dar tieghu meta jaf li jekk jipparkja hemm, peress li l-ingenji tieghu huma kbar, jekk tigi karoza ma ddurx. Barra minn dan zied li kien ukoll qed jimblukkalu l-access ghad-dar tieghu. Ikkonferma ghal darba darbtejn li t-trakk kien ipparkjat quddiem id-drive in tad-dar tieghu, ghalkemm zied li hu m'ghandux kontroll fuq lil min jaghti citazzjoni s-surgent. Cahad li waqt li hu dahal ghas-sikkina Carmel u huh Anthony Abela, l-imputat odjern, kienu qed jargumentaw m'ibnu. Ikkonferma li hu hareg bis-sikkina fit-triq ghax ra lil martu w lil ibnu mal-art.

Fis-sitta ta' Lulju, 2010 xehdet **Maria Attard** in kontro-ezami (a fol. 236) u kkonfermat li l-incident in kwistjoni sehh fit-triq quddiem id-dar taghha gewwa l-Iklin. Kienet certa li da;n kien wara mill-hajt tal-parapett taghhom. Qalet li hija qalghet daqqa minghand Charles Abela u fil-fatt ghadha ssofri mill-ferita f'sieqha fejn laqatha. Kompliet li Charles Abela taha daqqa ta' sieq fuq saqajha, benglilha dirghajha kollha, tajjrilha zewg sinniet ta' quddiem u ghamlilha black eye. Qalet ukoll li kienet ghaddiet certifikat mediku lill-pulizija, u anke kienet qaltilhom bid-daqqa li qalghet fuq irkoppitha. Sostniet li dakinhar zewgha kien ha n-numru tal-karozza ghax ma setax jghaddi, mbaghad kienu marru tlieta min-nies fuqu u qabdu jtuh, u peress li zewgha huwa ragel marid kien mal-art u m'ghamel xejn. Ziedet li wara li effettivament kien qala' xebgha, w ra lilha mal-art u bid-demm, kien tela' fuq u gab sikkina mid-dar.

Ikkunsidrat:

Illi kif tajjeb osservat il-Prosekuzzjoni, din il-Qorti ghandha taghmel referenza ghal-Artikolu 237 tal-Kap. 9 jekk hija mhix f'posizjoni tghid min kienet il-persuna li feriet lill-allegati vittmi f'dan il-kaz, f'liema cirkostanza l-Ligi titfa' responsabilita' kriminali kollettiva fuq kull min jigi ppruvat li ha <u>parti attiva</u> waqt il-glieda fejn xi hadd gie offiz u fejn ma jinstabx min kien l-awtur. Issa f'dan il-kaz ma jidhirx li tali disposizjoni tal-ligi tapplika, peress illi x-xhieda li xehdu f'dawn il-proceduri identifikaw min ghamel xhiex, u ghalhekk una volta l-Qorti tasal li temmen lix-xhieda f'dak li qalu facilment jirrizultalha min ikkaguna l-feriti lill-vittmi.

Fl-ewwel lok l-imputat huwa akkuzat li kkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Giuseppe Attard u ta' Maria Attard, zewg anzjani li ghandhom 'il fuq minn sebghin sena.

Jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Kevin Farrugia u PS 428 Carmelo Debattista li Lawrence Attard kien irraportalhom li l-imputat kien hebb ghall-ommu Maria w missieru Giuseppe Attard u kissrilhom snienhom. In segwitu' xehed

Lawrence Attard bin il-vittmi konjugi Attard. Izda meta xehed il-Qorti ma qalx din il-verzjoni. Spjega li missieru kien qed jiehu n-numru tat-trakk li kien ipparkjat quddiem id-*drive in* tieghu meta fid-daqqa w il-hin gie attakkat. Mistoqsi jekk l-imputat odjern laqatx lil missieru jghid li l-imputat hataf lilu minn gerzumtu tah daqqa go wiccu w kissirlu imniehru, w dan kollu ghaliex ried jiddefendi lill-familja tieghu. Jghid ukoll li pero' ra lill-imputat jaghti daqqa lil ommu Maria Attard, pero' aktar tard fl-istess xhieda jghid li kien ragel b'xaghru iswed umhux l-imputat li ta daqqa ta' ponn lil ommu. Jghid ukoll f'xi hin li l-imputat ta daqqa fuq l-ispalla t'ibnu Jeff. Ix-xhud f'certu hin jindika lill-imputat bhala l-aggressur tal-vittmi genituri tieghu u f'hin minnhom jghid li kien haddiehor - u cioe' Carmel Attard li ghamel hekk - ix-xhieda tieghu mhix cara u zgur mhix univoka. Giuseppe Attard jghid li l-imputat tah diversi daqqiet. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx hu li kissirlu snienu jghid li ma jafx. Zied li l-imputat tah diversi daqqiet f'rasu, gol-istonku tieghu, u kullimkien tant li storda bid-daqqiet li qala'. Maria Attard tghid li l-imputat kellimha hazin u heddidha li ser joqtolha jekk ma tmur 'l hemm, pero' tghid ma sawwathiex u li kien Carmel Abela li kissrilha mnihirha. Ix-xhud qalet li rat lill-imputat isawwat lit-tifel taghha Lawrence, kif ukoll lil zewgha Guzeppi, u li bdiet tarah jaghti bil-ponn lil zewgha f'ghajnejh u bdiet tghidlu "ieqaf, jahasra dak marid", imma meta bdiet tghajjat hallewh mal-art u ma waqfux. M'hemmx dubbju ghalhekk li din ix-xhieda hija konflingenti ghall-ahhar u zgur mhix xhieda li din il-Qorti tista' tistrieh fuqha facilment fir-rigward tal-feriti li allegatament sofrew il-konjugi Attard. In oltre jinghad li t-tabib nominat mill-Qorti, l-ispecjalista Dr. Eric Farrugia jghid li mhux minnu li Lawrence Attard kellu mniehru miksur bhala rizultat ta' dan l-incident, izda li kien hekk, u cioe' lejn il-lemin, sa minn qabel, kif ivverifika minn ritratt li gie muri lilu minn Lawrence Attard stess. In oltre jinghad li Dr. Caroline Grixti kkonfermat li Maria Attard mhux vera kellha snienha miksura, izda kellha wahda qed ticcaqlaq. Jeff Attard jghid li ra lil-imputat flimkien ma' Carmel Attard ihebbu ghal Giuseppe Attard u fil-fatt anke lil missieru Lawrence ferew meta dan mar biex iferraqhom. Meta l-Qorti staqsiet lix-xhud Jeff Attard min kien li sawwtu, dawn wiegeb li Carmel Abela tah daqqa go

wiccu, filwaqt li Anthony Abela, l-imputat, tah daqqa go sidru. Kompla jghid li mbaghad ra lin-nanna tieghu Maria Attard niezla t-tarag biex tkun taf x'kien qed jigri, u Carmel Abela taha daqqa go wiccha, hdejn halqha, u din waqghet mal-art. Fl-ebda hin ma qal li kien l-imputat li laqatha. Ghalhekk m'hemmx dubju mir-riassunt li din il-Qorti ghamlet tax-xhieda tal-familja Attard, li jirrizultaw hafna kontradizzjonijiet li fuqhom il-Qorti ma tistax tistrieh.

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal ix-xhud indipendenti, 'eye witness', li nzerta li kien ghaddej minn dik it-triq dakinhar tal-incident.

Illi nhar is-16 ta' Awissu 2006 xehed **John Camilleri** (a fol. 79) fejn qal li dakinhar tal-incident kien qed jippassigga fl-akwati u ra lil imputat Anthony Abela w ragel anzjan, li sa fejn jaf hu jismu Giuseppe, imqabbdin flimkien. Ra li Abela beda jjipprova jinqala' minn ma' Giuseppe pero' ma setax ghax dan kien qed izommu sew. Qal ukoll li rah itih daqqa bil-minkeb fil-genb ta' wiccu. Zied jghid li l-movimenti ta' jdejh kien juru li ried jinqala' minn mieghu. Kompla jghid li l-imputat zelaq u gie dahru mal-hajt, pero' Giuseppe Attard baqa' mwahhal mieghu, sadanittant Giuseppe Attard kien lahaq dawwar wiccu u hadu in full face bil-minkeb. Ix-xhud qal li ma ra lil hadd jaghti daqqa lit-tifel.

Ix-xhud qal ukoll li mar biex jikkalma lil Anthony Abela u ghalhekk hadu n-naha l-ohra tat-triq. Qal li peress li kellu dahru lejn l-ohrajn dak il-hin ma setax ikun jaf x'kien qed jigri. Pero' f'dan il-waqt, meta s-sitwazzjoni kienet ikkalmat, qal li l-anzjan Giuseppe Attard kien mar jigri mid-*drive in* b'sikkina kbira f'idejh u li ibnu Lawrence mar jikkalmah. Iccara li l-familjari ta' Giuseppe Attard bdew izommuh u rnexxielhom jehduh lejn id-dar. Imbaghad qal li huwa dak il-hin dar fuq Carmel Abela u l-imputat Abela u qalilhom biex ma jergghux imorru 'l hemm.

Is-Sur Camilleri qal li waqt li l-imputat kien maqbud ma' Giuseppe Attard, kemm mart Giuseppe Attard kif ukoll ibnu Lawrence marru biex iferrquhom, u li bil-movimenti li kien hemm Lawrence Attard waqa'. Jaf li waqghu xi nies

fuqu, pero' jekk kienx Anthony jew Carmel ma jafx. Xehed li ma ra lil hadd isawwat lill-mara ta'Giuseppe Attard. Camilleri ma setax jikkonferma jekk Giuseppe Attard kellux sinna maqlugha jew le, pero' ra li kellu dmija f'wiccu filwaqt li ma jiftakarx illi s-sinjura kellha xi demm f'wiccha. Lanqas ma kien jaf min kien qal il-kliem hazin li huwa kien sema'.

Iddeskriva lis-sinjura Attard bhala mara pjuttost qasira u robusta u qal li kellu l-impressjoni li din kienet waqghet fuq il-bankina meta Giuseppe Attard kien imqabbad ma' Anthony Abela u li hija marret go fihom u dawn imbuttawha. Kompla jghid li meta Giuseppe Attard qala' daqqa ta' minkeb minghand Anthony Abela, is-sinjura Attard kienet riesqa lejhom u hekk kif inqalghu laqtuha. Ikkonferma li din kienet qed tigbed lil zewgha filwaqt li hu kien gibed lill-imputat Abela ghax dan kien l-iktar vicin tieghu. Qal li hu ma ra lil Anthony Abela jaghti bil-ponn lil hadd.

L-imputat xehed u cahad li huwa laqat jew ahjar ta daqqa lil konjugi anzjani Attard, qal li huwa verament kien involut f'battibekk mal-familjari ta' Attard, u dan ghaliex huwa kien ipparkja l-vettura tieghu quddiem id-*drive in* taghhom sakemm jghaddi xi dokumenti lil huh, u huma qalulu li kienu ser igibu l-pulizija. Ikkonferma li gew fl-idejn, pero' jghid li gara hekk ghaliex Giuseppe Attard mar igib sikkina minn gewwa daru – haga li grat hafna wara u li mhix kontestata, minn hadd. Carmel Abela hu l-imputat, jikkonfrma l-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-imputat, salv li jghid li wasal fuq il-post wara u ma kienx hemm mill-bidu.

Illi ghalhek din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha temmen il-versjoni tal-fatti kif esposti minn John Camilleri u dan ghaxliex kien car, univoku, konsisteneti w attendibbli hafna f'dak li qal. Il-verzjoni tal-fatti kif moghtija minnu hija kredibbli hafna fic-cirkostanzi li hija rinfaccjata bihom il-Qorti, w fid-dawl ta' dak li xehdu t-tobba.

Ghaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma li verament kien hemm tilwima bejn l-imputat u l-familjari ta' Attard, u

verament waqt it-tilwima huwa laqat lill-konjugi Attard kif ukoll lil binhom Lawrence u ibnu Jeff, pero' kkagunalhom feriti ta' natura hafifa, u hu ta' dak li din il-Qorti sejra ssib lil-imputat hati.  In oltre qed issibu hati talli kiser il-paci pubblika b'ghemilu.

**Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216, 218, 221, 338 (BB), 338 (dd) u 342 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputat ANTHONY ABELA hati talli kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Giuseppe Attard, Maria Attard, Lawrence Attard u Jeff Attard u talli kiser il-paci pubblika, w tikkundannah ihallas multa komplessiva ta' mija w hamsin Ewro (€150).  Tiddikjara li ma ssibux hati talli kkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Giuseppe u Maria Attard u talli qal kliem oxxen u dagha fil-pubbliku w tilliberah minnhom.**

**Oltre dan ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tobbliga lill-imputat li ma jkellimx li ma jimmolestax u ma joffendix lill-konjugi Giuseppe u Maria Attard, lil binhom Lawrence u lil ibnu Jeff Attard ghal perijodu ta' sena millum taht penali ta' hames mitt Euro (€500) fin-nuqqas.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------